MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.
SILVIO MELI**

Seduta tat-28 ta' Gunju, 2004

Avviz Numru. 279/2004

**Borg & Aquilina Limited**

**vs**

**Giuseppe Buttigieg**

**Il-Qorti,**

**Rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma ta' elf, seba' mija u tmintax-il Lira Maltin u erbgha u sittin centezmu (LM1718.64,0) liema somma hi dovuta lis-socjeta' Borg & Aquilina Limited bhala bilanc minn ammont akbar prezz ta' merkanzija mibjugha u kkonsenjata lill-konvenut fuq ordni tieghu stess;**

**Bl-ispejjez, u bl-imghax legali mid-data tal-konsenja sal-pagament effettiv, kontra l-konvenut li minn issa ngunt ghas-subizzjoni;**

**Kif ukoll l-ispejjez tal-mandat ta' Qbid Numru 1019/04; u l-mandat ta' Sekwestru Numru 1020/04 prezentati kontestwalment;**

**Wara li rat in-nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ppruvat (artikoli 698 (2) u 702 tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili);**

**Billi ghalkemm notifikat regolarment il-konvenut naqas u ma deherx, la fit-23 ta' Gunju tas-sena 2004 meta gew ipprezentati l-kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;**

**Tiddeciedi billi tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici bl-ispejjez kontra l-konvenut.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------